**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 106/18 AL

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (14/10/1978) (Hawn anness u mmarkat bhala Dok A);

2. Illi l-partijiet sseparaw fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) permess ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor

Marco Farrugia u ghalhekk ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin (Hawn anness u mmarkat bhala Dok B) ;

3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment stante li l-manteniment tithallas regolarlment;

5. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil- ligi biex jinghataw d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talab f'dawn ic-cirkostanzi, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Marzu, 2018;

Rat illi l-intimata fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Marzu, 2011 u ghalhekk ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.